Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Awwissu, 2006

Numru. 291/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**
**vs**
**Matteo Libero Baroni**

**Illum, 11 ta' Awissu, 2006**

**Il-Qorti:**

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-pulizija kontra Matteo Libero Baroni ta' 16-il sena, imwieled Trieste, Italja fis-6 ta' Ottubru, 1989 u residenti Via Vittorio Locchi 12, Trieste, Italja detentur ta' Karta ta' Identita' Taljana numru AK 9623780 fejn gie akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer fil-11 ta' Awissu, 2006, kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoniijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet id-dikjarazzjoni ta’ htija ta’ l-imputat;

Fuq l-iskorta ta’ din id-dikjarazzjoni, wara li rat l-Art. 8(a) ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati skond l-akkuza talli f’dawn il-Gzejjer fil-11 ta’ Awissu, 2006, kellu fil-pussess tieghu raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoniijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, wara li qieset l-ammont zghir ta’ droga involuta u l-eta ta’ l-imputat, tilliberah taht il-provediment ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------